MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 225/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**Vs**

**John Hornsby (Karta ta' l-Identità bin-Numru 38650A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' sitt elef mitejn u erba' Euro u tletin centezmu (€6,204.30) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*loan account* tal-konvenut mas-socjetà attrici, flimkiem ma' l-imghax ulterjuri mitt-3 ta' Mejju 2011 sal-jum tal-pagament effettiv, u dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-23 ta' April 2009 u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbiltà ta' hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Awwissu 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra l-konvenut.

Rat id-dokumenti markati bhala Dok. "A", Dok. "B", u Dok. "C" annessi mis-socjetà attrici flimkien mar-Rikors promotur.

Rat illi l-konvenut ghalkemm gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda moghtja minn Rose Cortis, rapprezentanta tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li prevja dikjarazzjoni li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-23 ta' April 2009, Dok. "B" anness mar-Rikors promotur, u partikolarment imma mhux eslussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbiltà ta' hlas lura tad-debitu dovut lis-socjetà attrici, u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u d-debitu sar dovut lis-socjetà attrici fl-intier tieghu f'daqqa, il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €6,204.30, rapprezentanti bilanc

ghad-debitu fil-*loan account* tal-konvenut mas-socjetà attrici, Dok. “A” anness mar-Rikors promotur.

Il-konvenut ghalkemm notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh naqas milli jipprezenta Risposta u ma deherx ghas-seduti ffissati mill-Qorti; b’hekk huwa baqa’ kontumaci.

Rose Cortis, rapprezentanta tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru 2011 ikkonfermat li s-somma mitluba fir-Rikors promotur ghadha dovuta lis-socjetà attrici.

Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici jirrizulta b’mod sodisfacenti li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-23 ta’ April 2009, Dok. “B” anness mar-Rikors promotur, u partikolarment imma mhux eslussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbiltà ta’ hlas lura tad-debitu dovut lis-socjetà attrici, u li b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-ammont bilancjali ta’ €6,204.30 fil-*loan account* tieghu mas-socjetà attrici sar dovut minnu lill-istess socjetà, fl-intier tieghu f’daqqa.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u filwaqt li tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tat-23 ta’ April 2009, Dok. “B” anness mar-Rikors promotur, u partikolarment imma mhux eslussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbiltà ta’ hlas lura tad-debitu dovut lis-socjetà attrici, u li b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-ammont bilancjali ta’ €6,204.30 fil-*loan account* tieghu mas-socjetà attrici sar dovut minnu lill-istess socjetà, fl-intier tieghu f’daqqa,

tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €6,204.30, flimkien ma' l-imghax ulterjuri dovut mit-3 ta' Mejju 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Awwissu 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------